Dok. 102

**Dikjarazzjoni ta' Dr Lawrence Gonzi lil-Kumitat Permanenti Dwar il-Kontijiet Pubblici.**

**Illum, 14 ta' Jannar 2015**

1. Bil-permess tal-Kumitat, u bl-iskop li nkun ċar kemm jista' jkun, jien sejjer nelenka bil-miktub il-punti saljenti li ġew għall-attenzjoni tiegħi dwar il-każ tal-allegat tixħim fix-xiri taż-żejt. Ser nillimita ruħi għall-fatti kif nafhom jien, konxju però li l-proċeduri legali dwar dan il-każ għadhom għaddejjin u allura qiegħed niddikjara dan li ġej mingħajr preġudizzju għall-andament legali pendenti quddiem il-Qrati Maltin.

2. Jiena sirt naf b'dawn l-allegazzjonijiet għall-ewwel darba meta deħru fil-gazzetti lokali fil-bidu tas-sena 2013. Mill-ewwel fhimt li l-allegazzjonijiet kienu serji ħafna. Imma irrealiżżajt ukoll li l-investigazzjoni ma kienetx ser tkun faċli għaliex l-allegazzjonijiet kienu jirreferu għal avvenimenti li seħħew snin qabel ma jiena sirt Prim Ministru. Ridt ukoll inkun naf jekk dak ir-reat li kien qiegħed jiġi allegat kompliex iseħħ waqt iż-żmien li jiena kont Prim Ministru.

3. Irrid nispjega li jiena dejjem kont konsistenti dwar kif jiġu trattati allegazzjonijiet (anonimi jew le) li kienu jiġu għall-attenzjoni tiegħi. Minn dejjem emmint, u għadni nemmen, li investigazzjoni dwar reat għandha ssir mill-awtorità kompetenti, u cioè mill-Pulizija Eżekuttiva tal-pajjiż, u mhux mill-politiċi li ġustament jew inġustament jistgħu jaqgħu taħt is-suspett li l-aġir tagħhom huwa ddettat minn xi aġenda politika partiġġjana.

4. Proprju għalhekk, ħadt ħsieb mill-ewwel biex nikkomunika personalment mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, u tajtu struzzjonijiet ċari u kategoriċi biex jinvestiga l-allegazzjonijiet kollha li saru u biex jieħu l-passi kollha neċessarji skont dak li jirriżulta mill-investigazzjoni.

5. Dakinhar stess, jiġifieri fl-istess ġurnata li deħru dawn l-allegazzjonijiet fil-media lokali, u fl-istess ġurnata li tkellimt mal-Kummissarju Rizzo, ħarġet stqarrija uffiċjali mill-Uffiċju tiegħi li fiha infurmajt lill-pubbliku li jiena kont tlabt lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga din l-allegazzjoni (PR 0083).

6. Mhux veru li f'xi żmien qabel dakinhar kien hemm membru tas-sigurtà assenjati mal-Uffiċju tiegħi li ġie għandi b'xi file ta' dokumenti dwar dan il-każ u li jiena għaddejt dak il-file lill-awtoritajiet kompetenti biex jinvestigawh. Kieku dan kien veru hekk kont nagħmel. Imma dan mhux minnu. Żgur li dan il-Kumitat jaf li jiena ċħadt din l-allegazzjoni diversi drabi, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Parlament. Insibha stramba li din l-allegazzjoni tkompli tiġi ripetuta kapriċċożament u imbagħad min jagħmilha ma jkollux id-deċenza li jivverifika l-fatti mal-persuni konċernati, inkluż ma' persuni li diġà xehdu fit-tul quddiem dan il-Kumitat.

7. Wara l-istruzzjonijiet li tajt lil Kummissarju Rizzo fl-20 ta' Jannar 2013, seħħew numru ta' żviluppi, fosthom il-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet uffiċjali biex jiġu ċċarati l-fatti, inkluż dwar meta twaqqaf il-Fuel Procurement Committee, min kienu l-membri tiegħu, u investigazzjonijiet preċedenti li jmorru lura għall-1993 u l-1999 (PR 0109).

8. F'dawn il-ġranet jiena tajt numru ta' kummenti lill-ġurnalisti biex nuri li kont determinat li jsir kollox biex tinkixef il-verità kollha u biex jittieħdu passi kontra kull min kiser il-liġi, hu min hu. Dan għaliex il-glieda kontra l-korruzjoni ma ssirx biss bid-diskors li jdoqq fil-widna, imma ssir bil-fatti billi tingħata l-għajnuna kollha possibbli lill-Pulizija Eżekuttiva biex tagħmel xogħolha sewwa.

9. Kien b'dan il-ħsieb f'moħħi li fil-31 ta' Jannar 2013 (jiġifieri 10 tijiem wara li feġġet din l-istorja) jiena tajt kumment lil ġurnalist tat-Times of Malta li fl-1 ta' Frar 2013 irrapurtat hekk : "*The Prime Minister is prepared to grant an amnesty to those who are willing to testify under oath in Court so that the full truth is revealed with regards to the alleged criminal behaviour in oil procurement by Enemalta leading to the persons who are mainly responsible being brought to justice*".

10. Xi ġurnata wara li ġie ppublikat dan il-kumment, l-ex Kummissarju tal-Pulizja John Rizzo talab li jkellimni. F'laqgħa li kellna, huwa nfurmani li kien hemm possibilità ta' żvolta importanti fl-investigazzjonijiet jekk tiġi

kkunsidrata l-possibiltà li tinhareġ proklama lill-persuna li kien qiegħed jiġi nvestigat imma li sa dakinhar kien qiegħed joqgħod lura milli jagħti ċertu dettalji li kienu assolutament neċessarji biex il-każ jitressaq il-Qorti u tiġi stabbilita l-ħtija.

11. Dan ġie konfermat fix-xhieda li ngħatat lil dan il-Kumitat kemm mill-ex Kummissarju John Rizzo, kif ukoll il-Kummissarju preżenti Michael Cassar. Fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Novembru li għadda, l-ex Kummissarju John Rizzo sostna li l-persuna konċernata bdiet tagħti dettalji l-għada li ngħatatlu l-proklama. Hu żied jgħid li l-proklama kienet strumentali biex il-pulizija setgħet takkwista l-provi ħalli tressaq 'l-persuni konċernati quddiem il-Qorti bl-akkużi li llum huma pubbliċi.

12. Fi kliem ieħor, skont l-istess xhieda ta' l-ex Kummissarju John Rizzo, mingħajr il-proklama ma setgħux jittieħdu passi kriminali kontra l-persuni nvoluti fil każ.

13. Fis-seduta ta' dan il-Kumitat li nżammet fis-26 ta' Novembru, il-Kummissarju ta' llum, Michael Cassar (dak iż-żmien Assistant Kummissarju) iddikjara li kien hu li semma' l-possibilità ta' proklama lil persuna li dakinhar kienet qed tiġi nterrogata dwar il-każ ta' tixħim fix-xiri taż-żejt mill-Enemalta. Is-Sur Cassar iddikjara quddiem dan il-Kumitat li l-proklama kienet neċessarja għaliex kien ċert li l-persuna li kienet qed tiġi nterrogata setgħet tagħti informazzjoni importanti lill-Pulizija, inkluż dwar jekk it-tixħim fix-xiri taż-żejt kompliex ukoll wara l-2005.

14. Importanti wkoll li l-Kumitat jinnota dak li enfasizza s-Sur Cassar, u cioè li l-persuna li kienet arrestata u kienet qed tiġi nterrogata, bdiet tiċħad l-akkużi li kienu qed isiru fil-konfront tagħha u li t-48 siegħa ta' arrest kienu waslu biex jiskadu. Kien għalhekk li semma' l-possibilità ta' proklama.

15. Dan kollu kien qiegħed iseħħ fil-ġranet bejn l-1 u t-3 ta' Frar. Kien f'dawk il-ġranet li jiena gejt infurmat li l-persuna arrestata kienet lesta li tikxef kull ma taf dwar il-każ u dwar kull min kien involut, jekk tingħata proklama mill-President.

16.Bejn it-3 ta' Frar u s-7 ta' Frar 2013, saru numru ta' kuntatti bejn il-Kummissarju u l-uffiċjali tiegħu, il-persuna arrestata u l-avukati tiegħu, l-Avukat Ġenerali u l-uffiċju tiegħi, kif ukoll miegħi personalment u dan bl-iskop li tiġi abbozzata l-proklama skont il-liġi ta' pajjiżna.

17.Hawnhekk irrid niċċara punt importanti. Kien hemm min argumenta li stajna evitajna li noħorġu proklama u minflok nagħmlu użu mill-poteri mogħtija taħt l-artikolu 19 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (Kap 326 tal-Liġijiet ta' Malta). Qabel xejn, intenni l-punt li diġà għamilt: jiena nemmen li dawn id-deċiżjonijiet ma għandhomx jittieħdu mill-politiċi, iżda għandhom jiġu meħuda mill-awtoritajiet kompetenti jew skont il-parir tekniku tagħhom; altrimenti jkun hemm is-suspett li min ikun qiegħed jagħmel dawn is-suġġerimenti jkollu xi skop ulterjuri li ma rridx nispekula dwaru.

18.F'dan il-kaz, il-parir ta' l-Avukat Ġenerali kien li tinħareġ il-proklama għaliex din setgħet tinkludi numru ta' kundizzjonijiet li jmorru lil hinn minn dak li jippreskrivi l-artikolu 19 tal-Att li semmejt (Kap 326). Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm dak kruċjali li jittratta r-rifużjoni lill-Gvern ta' kull gwadann illegali u illeċitu li jkun sar permezz tal-atti kriminali. Dan kien punt li jiena personalment insistejt fuqu ħafna.

19.Difatti l-proklama imponiet il-kundizzjoni li l-persuna konċernata mhux biss tgħid kull ma taf u tixhed il-verità kollha bil-ġurament quddiem il-Qorti, imma wkoll li kellha tirrifondi lill-Gvern is-somma ta' kwart ta' miljun Ewro akkont ta' kull ammont ieħor li seta' jirriżulta bħala gwadann illeċitu, u li dawn il-flus kellhom jitħallasu sa mhux aktar tard minn ħames t'ijiem wara li tinħareġ il-proklama. Barra minn dan hemm ukoll il-kundizzjoni li l-persuna tobbliga ruħha li tixhed f'kull investigazzjoni, inkjesta jew proċedura oħra li setgħet isseħħ fil-futur. Skont il-parir li kelli, dan kien possibbli biss permezz ta' proklama.

20.Din l-informazzjoni ingħatat lill-pubbliku kif jirriżulta mir-rapport tat-Times of Malta tal-14 ta' Frar 2013.

21. Fis-sekwenza kronoloġika ta' dak li seħħ f'dawk il-ġranet, kien hemm il-bżonn li jiena nsiefer fl-għodwa tas-7 ta' Frar 2013 biex nattendi għall-Kunsill Ewropew ġewwa Brussels. Waqt li kont Brussels, fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Frar ġejt infurmat mill-ex Kummissarju John Rizzo illi kien intlaħaq qbil dwar l-aħħar abbozz tal-proklama, imma ngħatajt il-parir ukoll li qabel ma ssir ir-rakkomandazzjoni lill-President biex tinħareġ, kien hemm bżonn li dan il-parir jingħata b'deċiżjoni tal-Kabinett. Fi kliem ieħor ingħatajt il-parir biex inlaqqa' l-Kabinett b'urġenza biex dan jagħti parir li tinħareġ il-proklama.

22. Anke dwar dan, kien hemm min ikkumenta li l-Kabinett ma messux ġie involut għaliex seta' kien hemm xi Ministri li kienu qegħdin jigu investigati. Dwar dan għandi zewg punti x'nagħmel.

23. L-ewwel punt huwa li b'email tas-7 ta' Frar 2013, l-Avukat Ġenerali nfurmani illi l-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni jgħid specifikament illi "*Fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu l-President ghandu jagixxi skont il-parir tal-Kabinett .....*" eċċ.

24. It-tieni punt huwa li dak il-ħin stess, jiena weġibt b'email lill-Avukat Ġenerali u kkupjajt it-tweġiba tiegħi lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn tlabtu jikkonfermali jekk hu jaqbilx li nsejjaħ laqgħa tal-Kabinett malli nasal lura Malta tard filgħaxija tal-għada 8 ta' Frar. Din il-mistoqsija saret biex inkun naf mingħandu jekk kellux xi investigazzjonijiet għaddejjin fuq xi membru tal-Kabinett. B'email tal-għada 8 ta' Frar, l-ex Kummissarju John Rizzo weġibni hekk: "*Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija s'issa ma rriżultax li hemm xi suspetti fuq xi Ministru. L-anqas minn dak li ntqal lilna waqt id-diversi laqghat li kellna m' [..... l-persuna koncernata.....] u ma l-avukati tieghu ma jidher li hemm xi raġuni li jekk din il-materja tinġieb quddiem il-Kabinett din se tkun ta' xi preġudizzju ghall-investigazzjoni li qed taghmel il-Pulizija. [....... - l-persuna koncernata - ........] ma ta ebda ħjiel dwar min huma l-persuni li jista' jimplika fl-informazzjoni li beħsiebu jaghti. Nemmen li jekk jiġi deċiż li din il-Proklama ghandha tinġieb ghall-attenzjoni tal-Kabinett, allura dan ghandu jsir kemm jista jkun malajr*",

25. B'dawn il-pariri mogħtija lili bil-miktub u b'mod uffiċjali, jiena sejjaħt laqgħa tal-Kabinett tard fil-għaxija tat-8 ta' Frar 2013, immedjatament malli wasalt lura minn Brussels. Tlabt lil ex Kummissarju John Rizzo u lill-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech biex jattendu għal din il-laqgħa tal-Kabinett u biex jispjegaw ir-raġunijiet għaliex kien jidhrilhom li hemm bżonn tal-Proklama .

26. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kabinett tat-8 ta' Frar jgħidu hekk : "*The Prime Minister recalled that in terms of article 93(1)(a) of the Constitution, the President has power to grant "to any person concerned in or convicted of any offence, a pardon, either free or subject to lawful conditions". The Prime Minister also noted that a few days ago he had publicly intimated that Government was willing to consider this option if such a pardon would facilitate the ongoing investigations.*

*The Attorney General and the Commissioner of Police were asked to join the Cabinet Session.*

*The Attorney General explained the general terms of the draft proklama, a draft of which was circulated during Cabinet. One of the conditions was that Mr ............was to deposit 250,000 euro on account, by way of refund of proceeds from criminal activity. The Attorney General clarified that the investigation should be proceeded with. The condition states that if the money is not deposited within 5 days from the date of the proklama, the pardon would fall through. Likewise, the pardon will lapse if any of the other conditions is not adhered to.*

*Answering a specific question, the Commissioner of Police acknowledged that the proklama was required to further the on-going investigations.*

*Cabinet took note of this advice and agreed to recommend that the President grants a pardon to Mr .........in terms of article 93 of the Constitution.*

27. Wara din id-deċizjoni tal-Kabinett, giet abbozzata l-ittra lill-President li biha ngħata l-parir sabiex toħroġ il-proklama skont l-abbozz mibgħut lilu.

28. Għall-korrettezza u biex tingħata l-istampa kollha tal-fatti, irid jintqal ukoll li l-verżjoni finali tal-proklama kellha żewġ emendi zgħar: waħda biex jiġi ċċarat li kien il-persuna investigata stess li informat lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien lest jixhed kollox jekk toħroġ il-proklama u t-tieni żdiedet sentenza li biha l-persuna konċernata aċċettat li tiddikjara bil-miktub li kien qed jaqbel mal-kontenut tal-proklama u kien lest jonora l-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-proklama. Fiż-żewġ każijiet kien hemm il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-ex Kummissarju Rizzo għal dawn l-emendi.

29. Minn dak il-ħin, il-kapacità, professjonalità u serjetà investigattiva tal-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo ġiet fl-aqwa tagħha, u fi ftit ġranet (preċiżament fid-19 ta' Frar 2013) il-Pulizija ressqet il-Qorti persuni li ġew akkużati b'numru ta' reati skont kif rappurtat fil-pubbliku u dan biex issir ġustizzja skont il-liġijiet ta' pajjiżna u biex jiġi stabbilit jekk hemmx ħtija, u jekk iva allura tingħata l-piena mistħoqqa.

30. Ma nistax nikkonkludi mingħajr ma ntenni dak li għedt fl-istqarrija uffiċjali tiegħi li ġiet pubblikata dakinhar stess, 19 ta' Frar 2013 (PR 0261) u cioè li jiena mhu ser naċċetta qatt li persuni, maħtura biex iħarsu l-interessi nazzjonali fuq enti pubbliċi, jittradixxu l-fiduċja murija fihom.

31. Nagħlaq billi nikkwota mill-aħħar tliet paragrafi ta' dik l-istqarrija :

*"Minn naħa tiegħi għamilt kull ma stajt sabiex niffaċilita l-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet kollha, anke li tinħareġ amnestija lil min kien lest jikkolabora biex jinkixef dak kollu li kien qed isir ħażin u li jixhed fil-Qorti. Nitlob lill-media u lill-pubbliku biex wieħed jistenna l-eżitu tal-proċeduri li ġew mibdija u jħalli l-ġustizzja tieħu l-kors tagħha. Dan huwa fl-interess ta' kulħadd.*

*Madanakollu, irrid nistqarr mingħajr tlaqliq u bl-aktar mod ċar li, sakemm ikolli xi forma ta' responsabbiltà mill-istituzzjonijiet ta' pajjiżna, jiena ser niżgura li l-istituzzjonijiet ta' pajjizna se jibqgħu jiġru bla ħniena wara kull element ta' korruzzjoni jew l-użu mhux korrett tal-influwenza (trading in influence). Kull individwu, sew jekk huwa uffiċjal jew impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll jekk għandu*

*x'jaqsam magħhom, irid iwieġeb għall-għemilu. Hekk kellhom jagħmlu oħrajn, min f'posizzjoni għolja u min le, taħt amministrazzjonijiet Nazzjonalisti.*

*Matul is-snin, saħħaħna il-poteri u l-miżuri leġiżlattivi, inkluż żidna l-pieni u daħħalna l-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni. Jonqos iżjed xi jsir. Minbarra li rridu nġibu fis-seħħ iż-żewġ liġijiet li ressaqna matul din il-leġislatura li jinkludu żjieda fiż-żmien tal-preskrizzjoni f'każi ta' korruzzjoni, id-dħul ta' Prosekutur Speċjali mal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, it-twessiegħ sostanzjali tax-xogħol tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni li tiġi maħtura mill-Parlament (b'vot ta' żewġ terzi), il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi aktar miżuri fil-programm elettorali tiegħu. Dawn jinkludu l-konfiska tal-assi kollha li akkumolaw mill-korruzzjoni, iż-żjieda fil-piena ta' ħabs għal reati ta' korruzzjoni kif ukoll li titneħħa l-possibiltà ta' probation jew sentenza sospiża f'kazi ta' korruzzjoni.*

Grazzi

Lawrence Gonzi

14 ta' Jannar 2015